Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti Ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Andy Rotin]

vs

Omar Emara

**Kumpilazzjoni Numru: 683/2020**

**Illum, 11 ta' Mejju, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Omar Emara** detentur tal-karta tal-identita` numru 0480697 M akkuzat:

1) talli fis-6 ta' Dicembru 2020 u/jew zminijiet qabel f'dawn il-gzejjer xjentement zamm ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe' zamm fil-pusses telfon cellulari tal-ghamla *'Huawei Honor View 20 128GB Dual-Sim Android Smartphone'* ta' lewn blu u li ghandu l-IMEI numru 865244041088608/865244041091800 li ghandu valur ta madwar 300 ewro u li huwa propjeta ta' Mary Grace Cassar, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 0707955M;

2) ukoll talli wara li gie ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli, jew prodotti ohra tar-raba' jew tal-gonna, jew ta' flus, jew ta' oggett iohra. Li ma jkunux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma jaghti kontsodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandu; u cioe' zamm fil-pussess telfon cellulari tal-ghamla *'Huawei Honor View 20 128GB Dual-Sim Android Smartphone'* ta' lewn blu u li ghandu l-IMEI numru 865244041088608/865244041091800 li ghandu valur ta

madwar 300 ewro u li huwa propjeta ta' Mary Grace Cassar, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 0707955M.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Omar Emara bhala li sar recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' Dicembru 2020 fejn ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Semghet ix-xhieda kollha prodotti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat reat ta' ricettazzjoni mill-imputat fejn wara rapport mill-parte civile Mary Grace Cassar li gie misruq it-telefon cellulari taghha mill-knisja tad-Duluri fil-Hamrun nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru 2020 u li fejn gie sussegwentement misjub fil-pussess tal-imputat Omar Emara.

**Ikkunsidrat**:

Illi mix-xhieda ta' **PC281 Damian Mc Kay** hareg illi fis-sitta (6) ta' Dicembru 2020 gew infurmati li fit-Triq is-Sur ta' Santa Barbara, Valletta kien hemm persuna li kienet qed tigi mizmuma mill-Assistent Kummissarju Stephen Gatt li beda jitfa' xi gebel minn fuq is-sur li din il-persuna kienet Omar Emara. Wara li dan saritlu tfittxija rrizulta illi fil-gakketta kellu telefon cellulari tal-ghamla Honor Y fejn wara li ntalab jaghti spjegazzjoni qal illi kien xtrah ghall-ammont ta' sebghin ewro (€70) minn x'inkien fil-Hamrun. Huwa jghid ukoll illi wara tfittxija li ghamel sar jaf li dan it-telefon kien gie misruq.

Semghet ukoll l-**Ispettur Andy Rotin** li pprezenta rcevuta tal-mobajl elevat mill-imputat tat-tip Honor Y ta' lewn blu (Dok. AR9).

Semghet ukoll il-parte civile **MaryGrace Cassar** fejn spjegat illi fil-hamsa (5) ta' Dicembru 2020 kienet il-knisja tad-Duluri fil-Hamrun gewwa s-sagristija, fejn kienet halliet il-mobajl hemmhekk fuq xi mejda u meta giet lura ghalih ma sabitux hemm. Hija tghid illi dan il-mobajl kien inghata lilha mill-kappillan tal-parrocca xi ftit qabel . Hija fil-fatt gharfet dan il-mobajl meta nstab ghaliex kellu l-hgiega mkissra u meta fethitu ftit irnexxielha tara xi ritratti familjari.

Xehed ukoll **PC355 Charlot Chircop** fejn dan jghid illi l-ghada tas-serqa fl-ghassa tal-Belt giet WPS250 fejn taghtu mobajl tal-marka Honor li kien instab fil-pussess tal-imputat u li kienet qed tissuspetta li kien misruq. Meta fetah il-mobajl irnexxielu jara li l-ahhar messagg kien ta' certu Father Timon fejn dan kien jghid illi jekk dan il-mobajl jinstab ghandu jigi ritornat u b'hekk setghu jirrisalu ghall-parte civile MaryGrace Cassar. **WPS250 Amanda Parascandolo Bunce** ikkonfermat dawn il-fatti.

Semghet ukoll lil **Marisa Gauci** li ghan-nom tal-kumpannija Epic ikkonfermat illi l-mobajl bin-numru 99841305 kien jappartjeni lil MaryGrace Cassar u hi kkonfermat li l-IME Number kien l-istess.

Xehed ukoll **Fr. Timon Mercieca** fejn spjega li l-parte civile MaryGrace Cassar hija *helper* fil-knisja tieghu u peress li tahdem hafna ghall-knisja kien taha mobajl peress li hu jiddiletta bihom fejn din MaryGrace kienet qaltlu illi sakemm kienet marret issaqqi l-gulbiena kienu gew xi nies jittallbu u hemmhekk kienu hadulha l-mobajl li kienet halliex fuq mejda fis-sagristija. Huwa kkonferma r-ritratt Dok. AR9 u jghid illi bhala valur kien xtrah minn fuq l-internet ghall-prezz ta' tliet mitt ewro (€300) xi sentejn qabel.

Rat ir-rapporti kollha esebiti f'dawn l-atti kif ukoll is-sentenzi dwar l-addebitu tar-recidiva (Dok. AR13, AR14);

Rat ir-rapport tal-espert **Dr. Martin Bajada** fejn dan ikkonferma illi l-mobajl inkwistjoni llum il-gurnata jiswa' xi tliet mitt ewro (€300) (Dok. MB1).

Semghet ukoll il-**Dr. Joseph Vella Baldacchino** li kkonferma illi l-imputat ghandu intelligenza limitata fejn ripetutament jabbuza mis-sustanzi lleciti u fejn l-ghajnuna li kien inghata fil-passat ma kien serva ghalxejn ghax dejjem jidhol f'cirku vizzjuz. Hu jghid illi

dan l-ahhar ma kienx imur jarah u jkun biss meta jkun f'diffikulta' li dan jiftakar fih.

Finalment xehdet l-Assistent Direttur tal-Qrati Kriminali <u>**Maria Dolores Fenech**</u> fejn ikkonfermat li ma kienx hemm l-ebda appell mis-sentenzi pprezentati u mmarkati bhala Dok. AR13 u AR14.

Xehed l-imputat <u>**Omar Emara**</u> fejn dan qal is-segwenti:

> *"Ifhem jien kont qieghed il-Belt u avvicinani wiehed u jien kont nafu u dan dejjem ibiegh il-gizirajjen, il-mobiles fuq l-idejn u hekk, u kelli Eur70 f'idi ghax kont ghamilt naqra xoghol u hekk u dawn is-Eur70 ghaqqadthom fuq xoghol u kellu mobile u ridt nixtri mobile biex inkun nista nsib naqra xoghol ahjar".*

Hu jkompli jghid illi pprova jsib din il-persuna li bieghlu dan il-mobajl u jghid illi fil-fatt kien ta karta lill-Ispettur bid-dettalji tieghu izda meta gie ppressat mill-Ispettur Rotin huwa beda jhawwad l-ismijiet.

**Ikkunsidrat**:

Illi d-definizzjoni legali tar-reat ta' ricettazzjoni tinsab fil-Kodici Kriminali fl-Artikolu 334 li jghid hekk:

*"Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeg misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk il-ħaga tkun gejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-ħaġa;*

*(b) jekk il-ħaga tkun gejja minn wieħed mir-reati dwar ħwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, bil-piena li hemm għal min hekk jakkwista jew iżomm;*

*(c) jekk tkun gejja minn frodi, bil-pieni li hemm għal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-ħaga tkun gejja:".*

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi l-princippji tar-reat ta' ricettazzjoni huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Skond il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Darren Debono</u>** deciza fil-15 ta' Jannar 2009 intqal is-segwenti:

*"... ... sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*

1. *il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*

2. *l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*

*3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima" [25.10.2002])"*

Illi l-element formali ta' dan ir-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza llecita' tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi ppruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi ndizjarji. L-istess fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. John Briguglio** deciza fl-24 ta' Gunju 1961 (per Harding J.) kien gie ritenut li:-

*"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Gie wkoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella jmissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu u b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma' jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. J. Briguglio** [24.6.1961]; **Il-Pulizija vs. John Dimech** [24.6.1961]; **Il-Pulizija vs. George Tabone** [24.6.1961] u **Il-Pulizija vs. Tancred Borg** [26.10.1998]).

In linja ma' kif jghid l-awturi **Kenny**:

> *"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. ...when an unlikely vendor offers them for an unlikely price*

*... His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously ... or making no written entry of having bought them."*

Illi l-awtur Ingliz **Archbold** fil-ktieb **Criminal Pleading, Evidence and Practice**, (1997, paras. 21-125, 21-126) qal hekk:-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence,5th. ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen....The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular*

*prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*Every case depends on its own facts. ....It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."*

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi fil-kaz odjern hareg car illi dan il-mobajl li jappartjeni lil MaryGrace Cassar kien fil-fatt insteraq fil-5 ta' Dicembru 2020 mill-knisja tad-Duluri fil-Hamrun minn persuni injoti;

Illi m'hemmx dubju wkoll illi dan il-mobajl gie misjub fuq il-persuna tal-imputat l-ghada li dan gie misruq;

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'non risposta min-naha tal-imputat anke jekk b'xi mod irrefera ghall-persuna li setghet bieghietlu dan il-mobajl li din il-persuna tista' tkun wahda fittizzja, u dan ghaliex l-iskuza li ngabet mill-imputat ma tistax titwemmen ghaliex ic-cirkostanzi minnu deskritti zgur huma tali li kellhom iqajjmu suspett dwar il-provenjenza. Fil-fatt dan jghid illi din il-persuna dejjem tkun qed tbiegh affarijiet fuq l-idejn.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-imputat ma tax spjegazzjoni kredibbli ta' kif kellu fil-pussess tieghu tali mobajl, din il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinstab hati ta' ricettazzjoni u dan minhabba l-fatt illi l-imputat messu ssuspetta

mill-provenjenza tal-istess mobajl u ma kellux ghalfejn ikollu c-certezza sabiex jissussisti dan ir-reat.

Illi jrid jinghad ukoll illi dan il-mobajl gie ritornat lura lil sidha ftit jiem wara li dan gie misruq.

Illi a rigward piena l-Qorti hadet konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni kaotika tal-imputat li ghal diversi snin huwa l-anqas biss kellu indirizz fiss ta' residenza u minhabba l-problema akuta tad-droga li certament irid jindirizza minn ambjent restrittiv. Hadet konjizzjoni tal-fatt illi l-addebitu tar-recidiva gie ppruvat skont il-ligi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 279(a) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Omar Emara** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghall-piena ta' seba' (7) xhur prigunerija effettiva.

Il-Qorti qed tpoggi wkoll lill-imputat taht Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-istess terminu, liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imuptat Omar Emara r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

__________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**